MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## JOSEPH AZZOPARDI

Seduta tat-30 ta' Marzu, 2012

Citazzjoni Numru. 84/2012

**Joseph Galea magħruf bħala Joseph Galea Cavallazzi, Emanuela *sive* Lilian Galea magħrufa bħala Emanuela *sive* Lilian Galea Cavallazzi, u Maria Cristina *sive* Cristina Galea magħrufa bħala Cristina *sive* Cristina Galea Cavallazzi**

**-vs-**

**Direttur tar-Reġistru Pubbliku**

**Il-Qorti;**

Rat ir-rikors ġuramentat ippreżentata fis-26 ta' Jannar 2012 li permezz tiegħu l-atturi ppremettew:

1. Illi r-rikorrent Joseph Galea magħruf bħala Joseph Galea Cavallazzi (K.I. nru. 0086844G) twieled nhar l-għaxra (10) ta' Novembru tas-sena elf disa' mija u erbgħa u erbgħin (1944) kif jirriżulta mill-Att tat-Twelid relativ bin-

numru tal-iskrizzjoni tmien mija u tmienja u sittin tas-sena elf disa’ mija u erbgħa u erbgħin (868/1944), illi kopja tiegħu qed tiġi hawn annessa u mmarkata bħala ‘Dok. JGC1’;

2. Illi għalkemm fl-imsemmi Att tat-Twelid ir-rikorrent Joseph Galea magħruf bħala Joseph Galea Cavallazzi huwa ndikat bħala ‘Joseph Galea’, l-istess rikorrent ilu magħuf bħala ‘Joseph Galea Cavallazzi’, u ċjoe’ bil-kunjom ‘Galea Cavallazzi’ sa minn twelidu, liema żewġ kunjomijiet huma dawk rispettivi ta’ missieru (“Galea”) u ta’ xbubit ommu (“Cavallazzi”), liema fatt jirriżulta wkoll mill-Att tat-Twelid surreferit immarkat bħala ‘Dok. JGC1’;

3. Illi dana l-kunjom “Galea Cavallazzi” huwa dak illi r-rikorrent Joseph Galea magħruf bħala Joseph Galea Cavallazzi dejjem uża għalih inniffsu u illi l-familja tiegħu dejjem użat għalih u illi bih huwa kien konsistentement magħruf matul ħajtu kollha, u dana kif sejjer jiġi ippruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawża u kif anke jirriżulta kemm minn dokumenti pubbliċi, u ċjoe’ l-karta tal-identita’ tal-istess rikorrent, il-liċenzja tas-sewqan tiegħu (*vide* vera kopja hawn annessa u mmarkata bħala ‘Dok. JGC2’) u l-passaport tiegħu (*vide* vera kopja hawn annessa u mmarkata bħala ‘Dok. JGC3’) u kemm minn dokumenti oħra, kif ser jiġi ppruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawża;

4. Illi r-rikorrenti Emanuela *sive* Lilian Galea magħrufa bħala Emanuela *sive* Lilian Galea Cavallazzi (K.I. nru. 0622645M) hija mart l-imsemmi rikorrent u huma ċċelebraw iż-żwieġ tagħhom fl-erbatax (14) ta’ Settembru tas-sena elf disa’ mija u disgħa u sittin (1969) kif jirriżulta mill-Att taż-Żwieġ relattiv bin-numru tal-iskrizzjoni 1601/1969, illi kopja tiegħu qed tiġi hawn annessa u mmarkata bħala ‘Dok. JGC4’;

5. Illi sa mid-data taż-żwieġ tagħha mal-imsemmija rikorrenti bdiet tkun magħrufa bil-kunjom “Galea Cavallazzi” u sal-preżent dan il-kunjom huwa dak illi l-imsemmija rikorrenti dejjem użat għaliha nfisha u illi l-

familja tagħha dejjem użat għaliha u illi bih hija saret konsistentement magħrufa matul dawn l-aħħar snin;

6. Illi r-rikorrenti Maria Cristina *sive* Cristina Galea magħrufa bħala Maria Cristina *sive* Cristina Galea Cavallazzi (KI nru. 0121676M) illi twieldet nhar is-sebgħa (7) ta' Jannar tas-sena elf disa' mija u sitta u sebgħin (1976) hija bint l-imsemmija rikorrenti Joseph Galea magħruf bħala Joseph Galea Cavallazzi u Emanuela *sive* Lilian Galea magħrufa bħala Emanuela *sive* Lilian Galea Cavallazzi kif jirriżulta mill-Att tat-Twelid relativ bin-numru tal-iskrizzjoni numru elf mitejn u sittax tas-sena elf disa' mija u sitta u sebgħin (1216/1976), illi kopja tiegħu qed tiġi hawn annessa u mmarkata bħala 'Dok. MCGC1';

7. Illi sa mit-twelid tagħha r-rikorrenti Maria Cristina *sive* Cristina Galea magħrufa bħala Maria Cristina *sive* Cristina Galea Cavallazzi (KI nru. 0121676M) kienet konsistentement magħrufa bil-kunjom "Galea Cavallazzi" liema kunjom huwa dak illi r-rikorrenti minn dejjem użat għaliha nfisha u illi l-familja tagħha dejjem użat għaliha;

8. Illi dana l-istat ta' fatt, u ċjoe' illi l-kunjom sħiħ tar-rikorrenti Joseph Galea magħruf bħala Joseph Galea Cavallazzi ma huwiex annotat fl-Att tat-Twelid tiegħu u konsegwentement fl-Att taż-Żwieġ tiegħu mar-rikorrenti martu Emanuela *sive* Lilian Galea magħrufa bħala Emanuela *sive* Lilian Galea Cavallazzi u fl-Att tat-Twelid ta' bintu r-rikorrenti Maria Cristina *sive* Cristina Galea magħrufa bħala Maria Cristina *sive* Cristina Galea Cavallazzi, qiegħed jikkawża nkonvenjent lill-imsemmija rikorrenti fil-ħajja ċivili u soċjali tagħhom;

9. Illi għalhekk huwa meħtieġ illi jsiru s-segwenti emendi fuq l-Att tat-Twelid tar-rikorrent Joseph Galea magħruf bħala Joseph Galea Cavallazzi bin-numru 868 tas-sena 1944 –

(a) billi fl-kolonna *"Isem jew ismijiet li bih / bihom it-tarbija għandha tiġi msejħa"* jiġu miżjuda l-kliem *"Galea Cavallazzi"*;

10. Illi konsegwentement huwa meħtieġ ukoll illi jiġi korrett l-Att taż-Żwieġ tar-rikorrenti Joseph Galea magħruf bħala Joseph Galea Cavallazzi u Emanuela *sive* Lilian Galea magħrufa bħala Emanuela *sive* Lilian Galea Cavallazzi bin-numru tal-iskrizzjoni 1601 tas-sena 1969 –

(a) billi fil-kolonna *"Isem u Kunjom"*, in kwantu jirrigwarda l-intestata *"Ir-ragel mizzewweġ"* wara l-kliem *"Joseph Galea"* tiġi miżjuda l-kelma *"Cavallazzi"*;

11. Illi konsegwentement huwa meħtieġ ukoll illi jiġi korrett l-Att tat-Twelid tar-rikorrenti Maria Cristina *sive* Cristina Galea magħrufa bħala Maria Cristina *sive* Cristina Galea Cavallazzi (KI nru. 0121676M) bin-numru 1216 tas-sena 1976 –

(a) billi fil-kolonna *"Isem u Kunjom"*, in kwantu jirrigwarda l-intestata *"Missier it-tarbija"* wara l-kliem *"Joseph Galea"* tiġi miżjuda l-kelma *"Cavallazzi"*;

12. Illi tali korrezzjonjiet u annotazzjonijiet bl-ebda mod ma sejrin jilledu d-drittijiet ta' terżi iżda għall-kuntrarju ser iservi sabiex tagħti lil terżi informazzjoni aktar sħiħa dwar l-istess rikorrenti;

13. Illi għalhekk kellha ssir din il-kawża;

14. Illi l-fatti kollha hawn iddikjarati huma a diretta konoxxenza tar-rikorrenti;

15. Illi dana r-rikors qiegħed isir *ai termini* tal-Kapitolu 16 tal-liġijiet ta' Malta nkluż tal-artikolu 253 tal-istess Kapitolu 16;

Għaldaqstant ir-rikorrenti umilment jitolbu lil dina l-Onorabbli Qorti prevja kull dikjarazzjoni, provvediment u ordni meħtieġa skont il-liġi, jogħġobha:-

1. Tiddikjara u tiddeċiedi illi r-rikorrenti Joseph Galea magħruf bħala Joseph Galea Cavallazzi ilu sa minn twelidu magħruf bil-kunjom "Galea Cavallazzi" liema kunjom huma dak illi l-imsemmi rikorrent dejjem uża għalih inniffsu u illi l-familja tiegħu dejjem użat għalih u huwa l-kunjom li bih l-istess rikorrent kien konsistentement imsejjaħ;

2. Tiddikjara u tiddeċiedi illi r-rikorrenti Emanuela *sive* Lilian Galea magħrufa bħala Emanuela *sive* Lilian Galea Cavallazzi (KI nru. 0622645M) ilha sa mid-data taż-żwieġ tagħha magħrufa bil-kunjom "Galea Cavallazzi" liema kunjom huma dak illi l-imsemmija rikorrenti dejjem użat għaliha nfisha u illi l-familja tagħha dejjem użat għaliha u huwa l-kunjom li bih l-istess rikorrenti saret konsistentement imsejħa u illi *inoltre* hija għandu jkollha l-istess kunjom ta' żewġha kif ikkorreġġut *ai termini* tal-artikolu 4 tal-Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta' Malta;

3. Tiddikjara u tiddeċiedi illi r-rikorrenti Maria Cristina *sive* Cristina Galea magħrufa bħala Maria Cristina *sive* Cristina Galea Cavallazzi (KI nru. 0121676M) ilha sa minn twelidha magħrufa bil-kunjom "Galea Cavallazzi" liema kunjom huma dak illi l-imsemmija rikorrent dejjem użat għaliha nfisha u illi l-familja tagħa dejjem użat għaliha u huwa l-kunjom li bih l-istess rikorrenti kien konsistentement imsejħa;

4. Konsegwentement tordna lill-konvenut Diretur tar-Reġistru Pubbliku sabiex jagħmel is-segwenti emendi fl-Att tat-Twelid tar-rikorrent Joseph Galea magħruf bħala Joseph Galea Cavallazzi bin-numru 868 tas-sena 1944 –

(a) billi fl-kolonna *"Isem jew ismijiet li bih / bihom It-tarbija għandha tiġi msejħa"* jiġu miżjuda l-kliem *"Galea Cavallazzi"*;

5. Tordna illi dan il-bdil effettwat fl-Att tat-Twelid tar-rikorrent Joseph Galea magħruf bħala Joseph Galea Cavallazzi jiġi rifless f'kull att tal-istat ċivili relattiv għall-istess rikorrent u wliedu;

6. Għall-finijiet tal-ħames talba tordna lill-konvenut Direttur tar-Reġistru Pubbliku sabiex jagħmel s-segwenti korezzjonijiet fis-segwenti atti ta' stat ċivili –

(a) fl-Att taż-Zwieġ tar-rikorrenti Joseph Galea magħruf bħala Joseph Galea Cavallazzi u Emanuela *sive* Lilian Galea magħrufa bħala Emanuela *sive* Lilian Galea Cavallazzi bin-numru tal-iskrizzjoni elf sitt mija u wieħed tas-sena elf disa' mija u disgħa u sittin (1601/1969) –

(i) billi fil-kolonna *"Isem u Kunjom"*, in kwantu jirrigwarda l-intestata *"Ir-raġel miżżewweġ"* wara l-kliem *"Joseph Galea"* tiġi miżjuda l-kelma *"Cavallazzi"*;

(b) fl-Att tat-Twelid tar-rikorrenti Maria Cristina *sive* Cristina Galea magħrufa bħala Maria Cristina *sive* Cristina Galea Cavallazzi bin-numru tal-iskrizzjoni elf mitejn u sittax tas-sena elf disa' mija u sitta u sebgħin (1216/1976) –

(i) billi fil-kolonna *"Isem u Kunjom"*, in kwantu jirrigwarda l-intestata *"Missier it-tarbija"* wara l-kliem *"Joseph Galea"* tiġi miżjuda l-kelma *"Cavallazzi"*;

(ii) billi fl-kolonna *"Isem jew ismijiet illi t-tarbija għanda tissejjaħ bih / bihom"* jiġu miżjuda l-kliem *"Galea Cavallazzi"*;

Rat id-dikjarazzjoni maħlufa tal-atturi u l-lista tax-xhieda.

Rat ir-risposta ġuramentata tal-konvenut Direttur tar-Reġistru Pubbliku, ppreżentat fit-13 ta' Frar 2012, li permezz tagħha eċċepixxa:

1. Illi preliminarjament, qabel is-smigħ tal-kawża, b'ordni tal-Qorti għandu jiġi ppubblikat avviż fil-Gazzetta tal-Gvern talanqas ħmistax –il ġurnata qabel is-smigħ tal-kawża a tenur tal-Artikolu 254 tal-Kap 16 tal-Liġijiet ta' Malta;

2. Illi preliminarjament jiġi rilevat li r-raba' talba rigwardanti l-atti tat-twelid tar-rikorrenti Joseph Galea *sive*

Galea Cavallazzi li jġib in-numru progressiv 868/1944 hija insostenibbli *stante* li l- imsemmi Att tat-Twelid ma jipprovdi l-ebda kolonna, intestatura jew spazju tal-ebda tip fejn jista' jiġi inserit il-kunjom tat-tarbija;

3. Illi bla ħsara għal premess anke l-ħames talba tar-rikorrenti hija insostenibbli u dan *stante* li *ai termini* tal-Artikolu 253 (3) tal-Kap 16 tal-Liġijiet ta' Malta ir-rikorrenti għandhom jispeċifikaw in-numru u s-sena tal-atti tal-istat ċivili li huma qegħdin jagħmlu riferenza għalihom;

4. Illi mingħajr ħsara għas-suespost, a rigward it-talbiet rimanenti, l-esponent umilment jirrileva li ġjaladarba ma kien sar l-ebda żball jew ommissjoni da parti mill-uffiċjali tar-Reġistru Pubbliku jsegwi li l-ebda korrezzjoni ma tista' tiġi effetwata lill-atti tal-istat ċivili imsemmijin fir-rikors ġuramentat ippreżentat mir-rikorrenti skont id-dettami tal-Artikolu 253 tal-Kap 16 tal-Liġijiet ta' Malta. Għalhekk għal kull bwon fini, l-esponenti jissuġġerixxi li għandha tintalab annotazzjoni fis-sens li fejn jidher Joseph Galea fl-att taż-żwieġ bin-numru 1601/1969 u fl-att tat-twelid bin-numru tal-iskrizzjoni 1216/1976 jiġi miżjud il-kliem ***"magħruf bħala Joseph Galea Cavalazzi*"**.

5. Illi subordinatament għal dak li jikkonċerna mal-mertu tal-kawża l-esponent mhuwiex edott mill-fatti li ġew iddikjarati fir-rikors ġuramentat u għalhekk għal dak li għandu x'jaqsam mal-mertu tal-każ in kwistjoni huwa jirrimetti ruħu għall-provi dwar it-talbiet u kif ukoll għas-savju ġudizzju ta' din l-Onorabbli Qorti;

6. Illi bla preġudizzju għal premess, l-esponent jissottometti li fi kwalunkwe każ l-azzjoni tar-rikorrenti mhijiex attribwibbli għal xi għemil jew nuqqas ta' aġir ta' l-esponent u kwindi huwa m'għandux jiġi assoġġettat għall-ispejjeż tal-kawża istanti;

7. Salv eċċezzjonijiet ulterjuri.

Bl-ispejjeż kontra r-rikorrenti li qegħdin jiġu nġunti in subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni maħlufa tal-konvenut Direttur tar-Reġistru Pubbliku u l-lista tax-xhieda.

Rat l-affidavits;

Rat illi fil-verbal tas-seduta tas-27 ta’ Frar 2012 il-kawża ġiet differita għas-sentenza;

Ikkunsidrat;

Illi l-attur qed jagħmel din it-talba *ai termini* tal-Artikoli 253 *et sequitur* tal-Kodiċi Ċivili li jagħti dritt li kull persuna li tagħmel talba ġudizzjarja korrezzjonijiet u reġistrazzjoni ta’ ismijiet tal-atti tal-istat ċivili. Il-pubblikazzjoni *ai termini* tal-Artikolu 254 saret debitament.

Illi t-talbiet attriċi fir-rigward tal-fatt li huma dejjem kienu magħrufin bil-kunjomijiet Galea Cavalazzi hija evidentement ġustifikata mid-dokumenti u affidavits esebiti. Sewwa pero’ qed jeċċepixxi l-konvenut li l-Att tat-Twelid imkien ma jipprovdi spazju għall-kunjom it-tarbija għaliex dan jew din tieħu l-kunjom tal-missier (jekk dan ikun magħruf) jew tal-omm skond il-każ. Għalhekk il-Qorti taqbel illi għandha tilqa’ t-talbiet fir-rigward tal-annotazzjonijiet iżda mhux fir-rigward ta’ korrezzjonijiet ta’ dawn l-Att f’dan is-sens. Jidher ukoll li l-konvenut ma jaħtix għall-iżball u għalhekk ma għandux ibati spejjeż . Il-ħames talba ukoll ma tistax tiġi milqugħa peress illi ma ġewx speċifikati l-atti li jridu jiġu korretti, kif tirrikjedi l-liġi.

**Għaldaqstant għal dawn il-motivi l-Qorti tiddeċiedi l-kawża billi filwaqt li tilqa’ l-ewwel, it-tieni, it-tielet talbiet attriċi, tiċħad ir-raba’ u l-ħames talba. Fir-rigward tas-sitt talba tordna li fl-Att taż-Żwieġ tar-rikorrenti (1601/69) tiżdied annotazzjoni fis-sens li r-rikorrent jiġi ndikat li huwa magħruf bil-kunjom Galea Cavalazzi, u fl-att tat-tweild 1216/1976 fil-kolonna li tindika l-missier ukoll għandha ssir l-istess annotazzjoni.**

**L-ispejjes tal-kawża jkunu a kariku tal-atturi.**

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------